# Il-Ħadd 19.07.2015

1. Illum 19/07:
   - Il-Kunsill Lokali jixtieq javża li mit-8:30am sas-1:00pm ser ikollna l-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan huma mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

2. It-Tlieta 21/07:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Is-Sibt 25/07:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. Avviżi oħra:
   - Infakkar li qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda. It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq - jinkitbu fis-sagristija.
   - Infakkar li għal matul il-jiem tal-festa, apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski, nixtiequ wkoll nagħmlu l-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex din l-inizjattiva nwettquha.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 390 mill-ħarġa ta' Għawdex;
   - € 100 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.
   - € 355 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa. Grazzi mill-qalb.